Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Onor. Imhallef Anthony Ellul

Seduta tal-Gimgha, l-1 ta' April 2016

Avviz Numru: 44/2013AE

**Carmelo Galea (ID 54958G)**

**Vs**

**Amabile Zammit (ID 545679M)**

L-attur harrek lill-konvenut quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghas-somma ta' €2,139, hlas ta' xoghol ta' garr ta' nies li ghamel fuq inkarigu tal-konvenut kif jirrizulta minn invoices annessi.

Il-konvenut wiegeb li:

1. L-azzjoni hi preskritta skont l-Artikolu 2147 tal-Kodici Civili.
2. Il-konvenut stess hu debitur fil-konfront tal-attur fis-somma ta' €2,053.87.

Permezz ta' rikors (fol 89) prezentat fid-29 ta' Lulju 2015 il-konvenut talab lill-qorti sabiex tirrevoka s-sentenzi tat-Tribunal ghat-Talbiet iz-Zghar u cjoe' s-sentenza preliminari fir-rigward tal-preskrizzjoni tat-13 ta' Gunju 2014 (fol 54) kif ukoll is-sentenza fuq il-mertu tal-14 ta' Lulju 2015 (fol 85), u tilqa' l-eccezzjonijiet u tichad t-talbiet tal-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

Permezz ta' twegiba prezentata fis-27 ta' Awissu 2015 (fol. 94) l-attur wiegeb illi s-sentenzi moghtija fl-14 ta' Lulju 2015 u s-sentenza in parti tat-13 ta' Gunju 2014 huma gusti u jimmeritaw d-debita konferma. In oltre ssottometta illi l-appell odjern ma hu xejn hlief appell frivolu u vessatorju u l-appellanti ghandu jigi kkundannat id-*doppio spese.*

Il-Qorti wara li rat l-atti tosserva:-

## I. <u>Preskrizzjoni.</u>

Il-konvenut appellant jilmenta illi (fol 90):

*"7. Fl-ewwel lok, u cioe ghar-rigward tal-preskrizzjoni, huwa car daqs il-kristall l-Artikolu applikabbli huwa l-Artikolu 2147 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jispecifika illi l-Artikolu jispecifika (sic) illi l-azzjoni ghall-garr bil-vettura bl-art jew il-bahar, imsemmijin fl-artikoli 1628 sa 1631, ghall-hlas tal-kirjet jew pagi taghhom huma preskritti bid-dekors ta' sena.*

*8. Illi minkejja li t-Tribunal jargumenta illi tali preskrizzjoni tapplika ghall-garr ta' merkanzija, minn qari tal-ligi dana ma jirrizultax u ghalhekk dina l-istess eccezzjoni ghandha tintlaqa' bl-ispejjez kontra l-attur;"*

L-artikolu 2147(d) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jitratta l-preskrizzjoni ta' sena jistipula kif gej:

*"(d) l-azzjonijiet tal-vetturali bl-art jew bil-baħar, imsemmijin fl-artikoli 1628 sa l-1631, għall-ħlas tal-kirjiet jew tal-pagi tagħhom."*

F'dan ir-rigward l-attur appellant argumenta (fol 95):

*"Jidher mill-kliem tal-ligi stess li l-istess artiklu huwa marbut ma' dak stipulat fl-artiklu 1628-1631 liema artikli minn naha taghhom jirreferu ghall-merkanzija u mhux ghall-persuni. Il-fatt li r-referenza hija ghall-merkanzija tohrog mill-artikli kollha 1628-1631. Hekk per ezempju fl-artiklu 1628 hemm referenza ghall-obbligi tad-depozitarji. Tali obbligi ma jirreferux ghall-persuni izda ghall-oggetti. Il-ligi ssemmi b'mod partikolari il-kelma "hwejjeg", u cioe oggetti mobbli, u mhux persuni. Fl-artiklu 1629 hemm referenza partikolari ghall-'haga.' Fl-ahharnett, kemm l-artikli 1628-1631 kif ukoll l-artikli li ghandhom x'jaqsmu ma' depoziti 1899 et seq huma fil-parti tal-Kodici li jaqghu taht it-titolu fuq il-beni, jew il-verzjoni bl-Ingliz "Of Things." Zgur li ghalhekk ma jistax jitqies li l-artiklu 2147(d) ghalhekk qed jirreferi ghall-garr ta' persuni."*

Din il-Qorti taghmel referenza ghar-ragunament tat-Tribunal b'riferenza ghal dan il-provvediment (fol 55):

*"Jidher car illi l-inkarigu moghti lill-attur u li tieghu qed ifittex il-hlas ma jaqax taht dan l-artikolu. L-attur ma kienx imqabbad igorr oggetti minn post ghall-iehor. L-inkarigu tal-attur kien jikri x-xarbank tieghu ghal skopijiet ta' private tours – kirja ta' vettura gwidata minn xufier. Dan huwa differenti mill-iskop tal-artikolu citat, u certament dan l-artikolu ma japplikax ghal dan it-tip ta' servizz. In-natura deskritta fil-gurisprudenza bhala 'odjuza' tal-preskrizzjoni timporta interprettazzjoni ristrettiva immens; u kienet dejjem b'dan il-mod li giet meqjusa fil-Qorti u tribunal nostrani. Tali interpretazzjoni ristrettiva ma thallix lok li wiehed igebbed l-import ta' dan l-artikolu."*

L-Artikoli 1628 sa 1631 tal-Kodici Civili m'humiex jirregolaw il-garr tan-nies, izda garr ta' hwejjeg. L-Artikolu 1628 jipprovdi:

*"Il-vettura li bl-art jew bil-bahar, ghandhom, dwar il-kustodja u l-hars tal-hwejjeg fdati lilhom, l-istess obbligi tad-depozitarji"*.

Id-distinzjoni tohrog mill-Artikolu 1626 tal-Kodici Civili li jipprovdi li l-kiri ta' xoghol u ta' industrija jinkludi:

*"(b) dak tal-vetturali li jinkarigaw ruhhom ghall-garr, bl-art jew bil-bahar, **tan-nies jew tal-hwejjeg**"*.

F'kull kaz:-

1. L-attur ta s-servizz bejn is-snin 2008 u l-2010;
2. Fil-15 u 23 ta' Lulju 2013 l-attur inghata zewg cekkijiet, kull wiehed ghal €200 li ma ssarrfux;
3. L-attur pprezenta l-kawza fil-21 ta' Ottubru 2013. Qabel, fil-5 ta' Settembru 2013 kien pprezenta ittra ufficjali li ma jirrizultax meta giet notifikata.
4. Dr Angele Formosa, difensur tal-attur, xehdet: *"Wara li konnna bghatna l-ittra ufficjali, kont rajt lil Amabile Zammit li pprezenta r-risposta r-Registru tal-Qorti u ghidtlu mela mhux ser naslu? **u kien qalli li hu m'ghandux problema biex ihallas lil Carmelo Galea pero' qed jistenna l-flus minghand terzi u meta jircievi l-flus minghand terzi jkun pront li jhallas lil Carmelo Galea**. Jiena fhimt illi dawn it-terzi kellhom x'jaqsmu mal-bookings li kienu jsiru u li allura kien jinkariga lil Carmelo Galea bihom"* (enfazi mizjuda). Il-konvenut ipprezenta t-twegiba fl-14 ta' Novembru 2013.

Minn dawn ic-cirkostanzi jirrizulta li kien hemm rinunzja tal-preskrizzjoni.

Inoltre, fir-rikors tal-appell il-konvenut iddikjara:

*"Illi fil-meritu.... **it-Tribunal lanqas laqa' d-difiza ossia l-eccezzjoni tat-tpacija meta hija l-ligi stess li tispecifika tali tpacija**. Huwa sottomess bir-rispett, u dana ukoll kif irrizulta fic-car matul is-smiegh tal-kawza li d-dejn li huwa dovut lill-konvenut huwa wiehed cert, likwidu u dovut tant li jirrizulta minn ftehim bejn is-sidien tal-coaches kollha ta' Ghawdex u l-istess konvenut"*.

Kliem li jikkonferma li bl-eccezzjoni fil-meritu il-konvenut invoka t-tpacija. It-tpacija hi nkompatibbli mal-preskrizzjoni. F'dan ir-rigward fis-sentenza **Marianna Spiteri et vs Joseph Vella,** tat-3 ta' Mejju 1993 il-Prim Awla tal-Qorti Civili qalet:-

*"Minn dan naraw li l-eccezzjoni ta' tpacija fiha nnifisha tammonta ghall-ammissjoni tad-debitu u li dan id-debitu huwa dovut, biss ma ghandux jithallas*

*ghax huwa pacut minn ammont iehor dovut mill-kreditur. Ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni billi ma jistax ikun hemm tpacija kemm-il darba l-kreditu mhux dovut ghax dan huwa preskritt. F'dan is-sens ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tigi akkolta'*[1].

Fic-cirkostanzi l-ewwel aggravju hu michud.

## II. Tpacija.

Fis-sentenza **San Andrea School vs David Mallia et** tat-28 ta' Gunju 2013, il-Qorti tal-Appell (Superjuri) qalet:

*"Illi sabiex topera t-tpacija jehtieg li jikkonkorru s-segwenti fatturi: li jkun hemm zewgt idjun fl-istess waqt, anke jekk mhux fl-istess qies jew ammont; li dawn id-djun jirreferu ghal tnejn min-nies li huma debitur u kreditur reciprokament ta' xuxlin; li jkollhom bhala oggett il-hlas ta' flus jew haga ohra fungibbli; li jkunu gew likwidati jew facilment likwidabbili; li jkunu certi wkoll f'dik li hija kwantita`; u li d-djun ikunu dovuti jew jistghu jintalbu. Inoltre, jinsab ritenut ukoll fil-gurisprudenza patria li ttpacija ma tistax issehh dwar krediti li ma jkunux ammessi jew li l-ammont taghhom ikun kontestat [ara fost ohrajn App.C **Giuseppe Schembri v. Giuseppa Chircop** deciza 14 Jannar 1955; PA **Anthony Calleja v. Joseph Debono** deciza 1 Frar 1964; App.C **Onor.Carm Lino Spiteri v. Director of Public Works** deciza 25 Jannar 1998; Q.Kum. **Avukat John Mamo v. Edward Borg** deciza 1 Gunju 1990; PA **Joseph Borg noe v. Norman Buckle** deciza 12 Dicembru 2002; u App.**Perit Vincent Cassar v. Nicholas Debono** deciza 22 Marzu 2005]".*

Il-konvenut qal:

*"10. Illi di fatti, kien biss l-esponenti li ghazel li jaghmel dina l-kawza u kien l-istess esponenti li fix-xhieda tieghu mhux talli rrikonoxxa dan il-fatt, talli sahansitra xehed bil-gurament li huwa jrid ihallas l-ammont dovut fil-mument li jkun jaf x'ghandu jhallas;".*

F'dan ir-rigward l-attur appellat jirribatti (fol 96):

*"11. Illi t-tieni aggaravju huwa l-kwistjoni ta' tpacija. Huwa minnu li l-ligi stess tipprovdi ghat-tpacija. Fil-fatt dan taghmlu fl-artiklu 1196-1204 li ironikament biex japplika fl-ewwel lok irid ikun hemm rikonoxximent tad-dejn li minnu l-appellant qed jghid li hija preskritta. Mela jekk skont hu l-kreditu tal-attur huwa preskritt, liema kreditu kien cert likwidu dovut u mhux kontestat, kemm hu*

[1] Ara ukoll f'dan is-sens is-segwenti: **Salvino Farrugia *nomine* vs Exalco Holdings Limited,** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Marzu 2012 u **Eucharistico Gauci vs Jesmond u Mary Anne konjugi Borg,** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Lulju 2004.

*preskritt dan l-ammont li vvinta hu fl-ahhar seduta liema dejn la kien cert la likwidu u lanqas dovut?*

*12. Fil-fatt l-artiklu 1197 jitlob miz-zewg krediti dawn it-tliet elementi u cioe' l-likwidita, ic-certezza u li jkun dovut, element li certament ma jidhirx li tista' tghid kellu l-ammont li suppost kien dovut il-konvenut appellant li f'dan ir-rigward l-attur dejjem kien ghadu jirrepeti l-istess karba u cioe 'jghidli x'ghandi naghtih' li donnu jaghtik x'tifhem li sa dak il-hin il-kreditu ta' kemm u ta' x'kien kien ghadu mistur."*

It-Tribunal qal (fol 86):

*"It-tpacija hija forma ta' pagament, tant li wahda mill-metodi kontemplati mil-ligi ghal estinzjoni ta' obbligazzjoni, u bhala tali trid tigi ppruvata minn min jallegaha…*

*F'dan il-kaz dan it-Tribunal ma huwiex konvint mill-pretensjoni tal-konvenut kif dedotta quddiemu; jidher illi din ghad trid tigi pruvata, accertata u likwidata. Il-konvenut lanqas ghamel kontro-talba ghal din il-pretensjoni tieghu."*

Din il-Qorti hi tal-fehma li l-Tribunal ghamel il-konkluzjoni gusta. Fit-13 ta' Marzu 2015 il-konvenut ipprezenta prospett dwar il-hlas li jippretendi minghand l-attur ghas-snin 2000 sal-2009[2], fl-ammont ta' €3,824.83 minghajr ma spjega kif wasal ghal dik ic-cifra. Ammont li hu kontestat mill-attur (ara nota a fol. 78). Hu minnu li fis-seduta tas-27 ta' Frar 2015 l-attur xehed (fol. 73):

*"Amabile Zammit naf li qed jippretendi flus minghandi. Jiena nghid jiehu dak li ghandu jiehu. M'inix ser incahdu minn flusu. Izda lili kont qatt ma tani u qatt ma qalli x'qed jippretendi. Ghandu jiehu ta' xi xoghol relatat mat-trasport pero' jiena ma nafx kemm ghandu jiehu. Il-karti f'idejh"*;

Madankollu l-ammont li jista' jkun dovut ghadu m'huwiex likwidat. Ghalhekk lanqas ma jista' jinghad li l-kreditu hu cert. Il-prospett m'huwiex bizzejjed, iktar u iktar meta tqis li fit-twegiba (fol. 16) il-konvenut iddikjara li ghandu kreditu ta' €2,053.87 filwaqt li fil-prospett (fol. 74) iddikjara kreditu ta' €3,824.83 minghajr ma spjega r-raguni ghal din id-differenza kollha. Sahansitra f'nota li pprezenta fid-9 ta' Gunju 2015 iddikjara li:-

*"ma baqalux d-dokumenti originali u dana stante illi l-Gozo Bus Owners Association illum il-gurnata giet xolta u l-inkartament kollu relattiv jew gie distrutt jew inkella ttiehed minn membru/i partikolari. L-esponenti ma ghandu l-ebda ideja kwalsiasi dwar fejn spicca l-inkartament relattiv u* ***huwa pprezenta biss***

[2] Li kkonfermaha bil-gurament fis-seduta tat-30 ta' April 2015.

***il-prospett ibbazat fuq notamenti personali li huwa zamm sabiex jithallas***".

Kliem li jikkonferma kemm ma jezistux l-elementi ta' tpacija. Sahansitra lanqas ma pprezenta n-noti personali li qal li kien zamm, sabiex l-attur ikun jista' jikkontrolla dak li qieghed isostni l-konvenut dwar il-kreditu pretiz.

Fic-cirkostanzi l-aggravju hu michud.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

(ft.) Anthony Ellul
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur